# ID-DAWL

SETTEMBRU 2023

WWW.AHMADIYYA.MT

NUMRU 69

**"Tabilħaqq, Aħna nfusna bgħatna din it-tifkira (il-Koran) u Aħna tassew se nkunu l-Gwardjani tagħha."**



Senduq mimli teżori | Il-Kotba Mqaddsa | Djalogu Ċivilizzat | Il-Ħruq tal-Koran

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# SENDUQ MIMLI TEŻORI

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

L-għan tal-kreazzjoni tagħna huwa li nqimu lil Alla u li nibnu relazzjoni fil-qrib Miegħu. Li naduraw lil Alla jfisser li nagħtu qima Lilu, li nkunu obbidjenti u nkunu sottomessi totalment lejn Alla; u li nassorbu l-attributi Tiegħu u li nagħmlu l-aħjar użu mill-fakultajiet u l-ħiliet kollha tagħna, il-ħin tagħna u l-flus tagħna biex noqorbu lejH u li niksbu s-sodisfazzjon Tiegħu.

Il-Koran Imqaddes tant huwa teżor eċċellenti li jipprovdi gwida għal kull okkażjoni. Il-Messija Mwiegħed[as] jgħid: **"Il-Koran Imqaddes huwa senduq mimli ġojjelli, iżda sfortunatament in-nies mhumiex konxji ta' dan."** Il-Koran Imqaddes jgħinna wkoll nilħqu l-għan tal-ħolqien tagħna. Jurina t-triq u l-mezzi kif insiru qaddisin u kif nitbiegħdu mid-dnub. Wara li nibdew nemmnu bis-sħiħ f'Alla, nistgħu nsibuH permezz tat-talb, insegwu l-passi tal-Messaġġiera Tiegħu, u nipprattikaw it-tagħlim u l-kmandamenti divini Tiegħu. Barra minn hekk, il-Koran Imqaddes jipprovdi l-prinċipji tal-ġustizzja assoluta, il-benevolenza, il-fraternità, u l-imħabba lejn il-proxxmu li jgħinuna nilħqu l-iskop tal-eżistenza tagħna.

Għaldaqstant, nitolbu lill-kritiċi tal-Koran Imqaddes biex jaqrawh u jibbenefikaw mit-tagħlim u l-għerf profond tiegħu, u mhux joqogħdu joħolqu allegazzjonijiet fiergħa fuqu jew jaħarqu l-kopji tiegħu.

## ID-DAWL

SETTEMBRU 2023 – Numru 69
Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

## INDEX

A casket of jewels 02
Prophets and Holy Books 03
Civilized dialogue 05
Burning Quran: an act of hatred 06
The world needs peace 07

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** iStock.com-Tenerum
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

# IL-PROFETI U L-KOTBA MQADDSA

Matul l-istorja tal-bniedem Alla bagħat ħafna Profeti, Messaġġiera u Rivelazzjonijiet bħala gwidi divini, sabiex ikunu jistgħu jiggwidaw lill-umanità lejn it-triq it-tajba, it-triq tas-sewwa, it-triq li twassalhom għand il-Ħallieq – Alla.

Hemm xi Profeti li nafuhom b'isimhom bħal Adam, Abraham, David, Salamun, Mosè, Ġesù u Muħammad (il-paċi tkun fuqhom ilkoll). Imma hemm Profeti li ma nafuhomx b'isimhom, iżda dejjem ġew ħafna Profeti fi żminijiet differenti skont il-bżonn. Bl-istess mod, kien hemm ir-rivelazzjonijiet, l-Iskritturi u l-Kotba Mqaddsa mogħtija lill-Profeti minn Alla, fosthom it-Torah ta' Mosè, is-Salmi ta' David, il-Vanġelu ta' Ġesù u l-Koran Imqaddes li ġie rivelat fuq il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih.

## X'JEMMNU L-MUSULMANI?

Tnejn mis-sitt artikli ta' fidi għall-Musulmani huma li jemmnu fil-Profeti ta' Alla u li jemmnu fl-Iskritturi u l-Kotba Divini. Għalhekk il-Musulmani jemmnu li l-Profeti kollha ntbagħtu minn Alla u li l-Iskritturi, fil-forma oriġinali tagħhom, kienu rrivelati Divinament u li, fost affarijiet oħra, għallmu l-unità assoluta ta' Alla, u l-imħabba ta' Alla u tal-umanità. Fil-qosor, it-twemmin fil-Profeti u l-Kotba Divini kollha huwa obbligatorju għal kull Musulman – raġel jew mara.



# IL-KORAN IMQADDES

Il-Koran Imqaddes huwa wieħed mill-Kotba Divini li ġew irrivelati minn Alla. Il-Koran Imqaddes ġie rrivelat fuq il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, u huwa sors ta' gwida għall-umanità kollha. Fil-Koran Imqaddes hemm tagħlim sħiħ għall-gwida u għat-titjib spiritwali tal-bniedem, u kif il-bniedem għandu jħobb u jqim lil Alla u kif għandna ninteraġixxu, nuru mogħdrija u ngħinu lill-bnedmin sħabna.

Il-Koran jiggwidana dwar id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet soċjali, nazzjonali u tal-familja tagħna. Dan huwa l-aħħar ktieb divin mingħand Alla għall-bnedmin kollha u jikkonsisti f'tagħlim komprensiv, ibbilanċjat, perfett, komplet u universali – għaż-żminijiet futuri kollha. Meta wieħed jibda jipprattika dan it-tagħlim fil-ħajja ta' kuljum, isib li huwa tagħlim naturali, faċli u sempliċi u jindirizza l-bżonnijiet umani kollha. Wieħed mill-aspetti distintivi tat-tagħlim tal-Koran huwa li hu jippromwovi l-ugwaljanza fost il-bnedmin kollha, u jenfasizza r-rispett lejn il-fundaturi, il-messaġġiera u l-kotba mqaddsa tar-reliġjonijiet kollha. Il-Koran Imqaddes jgħid:

> **"... kollha kemm huma (il-fidili) jemmnu f'Alla, u fl-anġli Tiegħu, u fil-Kotba Tiegħu, u fil-Messaġġiera Tiegħu, jgħidu, 'Ma nagħmlu l-ebda distinzjoni bejn il-Messaġġiera Tiegħu kollha.'"** (2:286)

> **"Ċertament, dawk li jemmnu, u l-Lhud, u l-Insara u s-Sabjani – kull min minn fost dawn jemmen tabilħaqq f'Alla, fil-Ġurnata tal-Ġudizzju u jwettaq għemejjel tajba – se jkollu l-premju mas-Sid tiegħu, u l-ebda biża' mhi sejra tiġi fuqu, u lanqas sejjer jitnikket."** (2:63)




## DJALOGU ĊIVILIZZAT

Il-Koran Imqaddes isostni l-importanza tad-djalogu u d-diskussjoni bejn ir-reliġjonijiet, u jippromwovi d-djalogu bejn is-segwaċi tat-twemminiet differenti fid-dinja, iżda jiggwida wkoll li diskussjonijiet bħal dawn għandhom jitwettqu b'mod deċenti u rispettuż. Bħala prinċipju enfasizzat, juri r-rispett lejn ir-reliġjonijiet kollha bħall-Kristjaneżmu, il-Ġudaiżmu, il-Buddiżmu u l-Ħinduiżmu.

## PRESERVAZZJONI

Il-Koran Imqaddes jikkonsisti minn 30 parti u 114-il kapitlu. It-tagħlim etern tiegħu għadu relevanti llum daqskemm kien meta ġie rivelat iktar minn 1500 sena ilu. Huwa ppreservat fil-forma oriġinali tiegħu, u qatt ma kien hemm xi tibdil fih. Dan huwa fatt li mhux biss il-Musulmani iżda storiċi mhux Musulmani jemmnu wkoll. Fil-fatt, waħda mill-karatteristiċi uniċi tal-Koran Imqaddes hi proprju dik li huwa l-unika Skrittura Divina mhux mibdula minn meta kienet rivelata.

# IL-ĦRUQ TAL-KORAN: ATT TA' MIBEGĦDA

L-inċidenti tal-ħruq tal-Koran Imqaddes li seħħew fl-Iżvezja u d-Danimarka f'dawn l-aħħar xhur reġgħu xegħlu għal darb'oħra d-dibattitu dwar il-libertà tal-espressjoni. Dawn l-inċidenti diżgustanti u mistkerrha tal-ħruq tal-Koran fl-isem ta' "espressjoni ta' opinjoni" mhumiex atti ta' libertà tal-espressjoni, iżda, atti ta' provokazzjoni u mibegħda. Tabilħaqq dawn l-inċidenti huma ksur u abbuż serju tad-dritt tal-libertà tal-kelma; u att ta' estremiżmu.

Il-ħruq ta' kopja jew ftit paġni mill-Koran – il-ktieb imqaddes ta' madwar żewġ biljun Musulman – ma jista' jservi l-ebda skop ħlief li jweġġa' s-sentimenti reliġjużi tal-Musulmani madwar id-dinja. Anki jekk il-kopji eżistenti kollha tal-Koran Imqaddes jinħarqu, dak xorta ma jkun serva ta' xejn il-għaliex Alla l-Omnipotenti kien wiegħed li jippreserva l-Koran u għaldaqstant jistqarr:

> **"Tabilħaqq, Aħna nfusna bgħatna din it-tifkira u l-eżortazzjoni (il-Koran), u Aħna tassew se nkunu l-Gwardjani tagħha."** (Il-Koran, 15:10)

Barra minn hekk, miljuni ta' Musulmani tgħallmu l-versi kollha tal-Koran bl-amment u anke miljuni ta' kopji ġodda tal-Koran jistgħu jiġu stampati f'qasir żmien. Għaldaqstant il-ħruq tal-Koran mhuwiex se jeqred għalkollox il-ktieb, iżda atti bħal dawn ta' mibegħda u provokazzjoni jistgħu jħarbtu u jikkomprometti l-paċi fid-dinja.

Aħna nemmnu li l-ħruq ta' kwalunkwe skrittura reliġjuża jmur direttament kontra t-tagħlim tar-reliġjonijiet maġġuri kollha tad-dinja, inkluż l-Iżlam.

Ma kienx ikun aħjar li wieħed jiddiskuti kull oġġezzjoni jew mistoqsija li wieħed jista' jkollu fuq it-tagħlim tal-Iżlam? Il-għaliex, jekk persuna razzjonali jkollha diffikultà bit-tagħlim tal-Iżlam,

ikun xieraq li wieħed ifittex spjegazzjoni jew billi jagħmel riċerka individwali jew inkella jsaqsi lil xi ħadd istruwit, edukat u għaqli biex jgħarrfu fuq is-suġġett.

Aħna nistiednu lil kulħadd biex ikollu djalogu ċivilizzat u li jistudja l-Iżlam bir-reqqa fid-dawl tat-tagħlim ġenwin tiegħu u fid-dawl ta' komunità li tgħix l-aktar messaġġi ta' paċi tiegħu. Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

> **"M'hemm xejn ħażin f'dibattiti intellettwali jew teoloġiċi imma dan għandu jseħħ fil-limiti tad-diċenza u t-tolleranza. Minflok dak li qed naraw huwa l-mibegħda li qed tiġi mxerrda."**

Fejn għandha x'taqsam il-Komunità Ahmadiyya Musulmana, aħna nilqgħu bla riservi kull mistoqsija li ssir dwar il-Koran Imqaddes u l-Iżlam. Jekk xi ħadd għandu xi mistoqsija, jekk jogħġobkom ikkuntattjawna u aħna nippruvaw inweġbuhom kollha għas-sodisfazzjon tagħkom. Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], jgħid:

> **"Id-dinja teħtieġ il-paċi, l-imħabba u l-fraternità. Id-dinja teħtieġ it-tmiem tal-gwerer. Minflok il-bini ta' ħitan ta' mibegħda, aħna nixtiequ li tixtered il-paċi iżda biex iseħħ dan jeħtieġ li jingħaqdu flimkien in-nies tar-reliġjonijiet kollha. Bħalma għedt m'hemm xejn ħażin bid-dibattiti iżda dawn għandhom isiru f'ambjent trankwill u rispettuż."**

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tħaddan dan il-motto, **"Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd"** – motto paċifist u inklussiv – u testendih għal ħutna Nsara u Lhud u fir-realtà għall-ħolqien kollu ta' Alla.

Aħna nisperaw li bil-parteċipazzjoni f'dibattiti ċivilizzati aħna nistgħu nibnu l-pontijiet, inneħħu n-nuqqas ta' fehim u ngħinu biex flimkien noħolqu soċjetà aktar paċifika u armonjuża.

# FIL-QOSOR

## IL-ĦAJ U L-MEJJET

"Dak li jiftakar fil-Mulej Sidu u dak li ma jiftakarx fih, huma bħall-ħaj u l-mejjet. Id-dar li fiha jitfakkar Alla u d-dar li fiha Alla ma jitfakkarx, huma bħall-ħaj u l-mejjet."*

## L-IMĦABBA LEJN ALLA

"Ja Alla, nitolbok l-imħabba tiegħek, u l-imħabba ta' dawk li jħobbuk. Nitolbok il-ħidma li twassalni għall-imħabba tiegħek. Ja Alla, agħmel li l-imħabba tiegħek tkun egħżeż għalija minni nnifsi, minn niesi, u mill-ilma kiesaħ."*

## IL-KORTEŻIJA

"Meta tkunu tlieta flimkien, tnejn minnkom ma għandhomx jitkellmu bejniethom u jħallu t-tielet barra, għax dan isewwidlu qalbu, ħlief jekk jingħaqdu magħkom nies oħra."*

## INTENZJONIJIET

Alla jgħid li "Jiena nġib ruħi mal-qaddej tiegħi skont dak li jifhem dwari u dak li jistenna minni, u Jiena nkun miegħu kull fejn jiftakarni."*

## IX-XANDIR XIERAQ

"Agħmlu r-reliġjon ħafifa ħalli n-nies isegwuha; u la ttaqqluhiex. Xandru r-reliġjon b'mod xieraq, u mhux b'mod li tnaffru lin-nies minnha."*

## ID-DAĦK

"Naqqas id-daħk, għaliex ħafna daħk joqtol lill-qalb."*

## ID-DIVORZJU

"L-aktar ħaġa permessa li Alla l-Qawwi u l-Għoli jobgħod hija d-divorzju."*

(*Kliem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa])

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**